



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0022/2013

31.1.2013

RAPPORT

dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew rigward l-inkjesta tiegħu
dwar l-ilment 2591/2010/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea (l-Ajruport ta'
Vjenna)
(2012/2264(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Margrete Auken

RR\925751MT.doc

PE496.315v02-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	10
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	14

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew rigward l-inkjesta tiegħu dwar l-ilment 2591/2010/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea (l-Ajruport ta' Vjenna) (2012/2264(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapport speċjali indirizzat mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262/KEFA, KE, Euratom tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twetliq tal-obbligi tal-Ombudsman¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(7) tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 205(2), l-ewwel sentenza, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0022/2013),
- A. billi l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li jirċievi lmenti minn kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni rigward każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi tal-Unjoni;
- B. billi l-ilmenti li jitressqu miċ-ċittadini tal-UE jikkostitwixxu sors importanti ta' informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ksur tal-liġi tal-UE;
- C. billi, skont l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, 'kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni';
- D. billi la t-Trattati u lanqas l-Istatut tal-Ombudsman ma jagħtu definizzjoni ta' amministrazzjoni ħażina, u b'hekk iħallu dan il-kompitu f'idejn l-Ombudsman Ewropew, suġġett għall-awtorità interpretattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja; billi, fl-ewwel Rapport Annwali tiegħu, l-Ombudsman introduċa lista mhux eżawrjenti ta' każijiet ta' kondotta li jistgħu jitqiesu bħala amministrazzjoni ħażina;
- E. billi, wara stedina sussegwenti mill-Parlament biex jagħti definizzjoni preċiża u ċara ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman Ewropew iddikjara fir-Rapport Annwali tiegħu għall-1997 li 'amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku jonqos milli jaġixxi skont regola jew prinċipju li jorbtuh';
- F. billi din id-definizzjoni ġiet issupplimentata b'dikjarazzjoni li skontha, meta jiġi investigat jekk istituzzjoni jew korp tal-Komunità jkun aġixxew skont ir-regoli u l-prinċipji li jorbtuhom, il-kompitu li jiġi l-ewwel u qabel kolloxx irid ikun li jiġi stabbilit jekk dawn

¹ ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.

ikunux aġġixxew skont il-liġi;

- G. billi l-Ombudsman jissorvelja wkoll l-applikazzjoni tal-kodiċijiet ta' mgħiba amministrattiva tajba li l-istituzzjonijiet iffirmaw għalihom u li jesprimu l-prinċipji ġenerali tal-liġi amministrattiva, inklużi elementi tal-prinċipju ta' servizz, kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li hi applikabbli b'mod sħiħ għall-partijiet kollha tal-amministrazzjoni tal-UE stess;
- H. billi, wara li ressaq 18-il rapport speċjali f' 16-il sena u nofs, l-Ombudsman s'issa aġixxa b'mod kooperattiv u responsabbli ħafna billi għamel użu minn tali rapporti lill-Parlament Ewropew bħala għodda politika finali biss u b'hekk wera l-ispirtu ġenerali tiegħu għal soluzzjonijiet konsenswali;
- I. billi dan ir-Rapport Speċjali jikkonċerna l-mod kif il-Kummissjoni ttrattat ilment imressaq lilha fl-2006 minn 27 inizjattiva ta' ċittadini li qed jiġġieldu kontra dawk li huma jqisu konsegwenzi negattivi tal-espansjoni tal-Ajruport ta' Vienna;
- J. billi l-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-VIA¹ jistabbilixxi li 'Stati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li [...] proġetti li aktarx ikollhom effetti sinifikattivi fuq l-ambjent [...] ikunu suġġetti għal hteġġa ta' kunsens għall-iżvilupp u] stima fir-rigward ta' l-effetti tagħhom';
- K. billi l-Kummissjoni kkonkludiet li x-xogħlijiet għall-espansjon tal-ajruport twettqu mingħajr il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali (VIA) obbligatorju u indirzzat avviż ta' tqegħid fil-mora lill-Awstrija fil-21 ta' Marzu 2007 talli ħalliet barra l-VIA; billi fir-risposta tagħha tas-7 ta' Mejju 2007 l-Awstrija ma setgħetx tikkonfuta l-fatt li l-miżuri ta' infrastruttura kkonċernati kienu wasslu u kienu għadhom qed iwasslu għal żieda sinifikanti fit-traffiku tal-ajru u l-fastidju minħabba t-traffiku tal-ajruplani fuq Vienna, jiġifieri li dawn il-miżuri kellhom effetti ambjentali sinifikanti;
- L. billi, fid-dawl tal-fatt li x-xogħlijiet jew kienu kompluti jew kienu waslu biex ikunu ffinalizzati, il-Kummissjoni ppreferiet – minflok tressaq lill-Awstrija quddiem il-QtĠ-UE – tipprova tilħaq ftehim mal-awtoritajiet Awstrijaċi li kemm jista' jkun jirrimedjaw dan in-nuqqas; billi l-Kummissjoni qablet mal-awtoritajiet Awstrijaċi li dawn tal-aħħar iwettqu VIA *ex post* biex jiġi determinat *inter alia* liema miżuri jkunu meħtieġa biex jitnaqqsu l-effetti tal-istorbju fuq il-popolazzjoni li tgħix viċin l-ajruport;
- M. billi l-Ombudsman aċċetta din l-għażla tal-Kummissjoni; billi l-ilmentatur ma kienx kuntent bil-mod kif twettqet il-VIA *ex post*, filwaqt li kkritika b'mod partikulari l-fatt li ma kellux aċċess għal rimedju ġudizzjarju kif previst mid-Direttiva dwar il-VIA u li l-awtorità responsabbli għall-VIA, il-Ministeru għat-Trasport tal-Awstrija, kienet l-istess awtorità li qabel kienet ikkonċediet il-permessi għax-xogħlijiet rilevanti u għaldaqstant sabet lilha nnifisha f'kunflitt ta' interess;
- N. billi, wara l-investigazzjoni tiegħu, l-Ombudsman kien tal-fehma li ma setax jikkonkludi li l-Kummissjoni kienet żgurat li l-VIA *ex post* kienet twettqet kif suppost; billi madankollu

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (85/337/KEE), kif emendata.

huwa għalaq il-każ, peress li qies li ma ma kienx hemm bżonn ta' azzjoni ulterjuri min-naħa tiegħu għal darbha l-proċedura kienet għadha għaddejja u l-Kummissjoni kienet iddikjarat li kienet se tagħlaq il-każ ta' ksur tagħha biss meta tkun sodisfatta li l-awtoritajiet Awstrijaċi jkunu ħadu l-passi neċessarji;

- O. billi f'Novembru 2010 l-ilmentaturi rrikorrew mill-ġdid għand l-Ombudsman u nfetħet it-tieni inkjesta, li matulha l-Ombudsman wettaq spezzjoni tal-fajl tal-Kummissjoni. billi l-Ombudsman ikkunsidra li l-fajl ma kienx juri li r-rappreżentazzjonijiet li l-ilmentaturi kienu għamlu matul dak il-perjodu li fih l-VIA *ex post* kien qed jitwettaq kienu ġew diskussi mal-awtoritajiet Awstrijaċi, u lanqas li d-deċiżjoni tal-Ombudsman fl-ewwel ilment kienet wasslet għal xi korrisondenza ulterjuri apparti r-rapporti dwar il-VIA mill-Awstrija;
- P. billi din is-sitwazzjoni wasslet lill-Ombudsman għall-konklużjoni li l-Kummissjoni kienet naqset milli tikkunsidra r-riżultati tiegħu mill-ewwel inkjesta, b'mod partikolari li ma kenitx konsistenti fit-tweġibiet tagħha lill-Ombudsman rigward il-possibbiltà ta' rimedju ġuridiku kontra l-VIA *ex post* u li ma kenitx insistiet sabiex għat-twettiq tal-VIA tinħatar entità differenti mill-Ministeru għat-Trasport, li kien awtorizza x-xogħlijiet;
- Q. billi l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, fejn iħeġġiġha 'tikkunsidra mill-ġdid l-approċċ tagħha fir-rigward ta' kif tittratta l-ilment ta' ksur imressaq mill-ilmentaturi dwar l-Ajruport ta' Vienna u tindirizza n-nuqqasijiet enfasizzati mill-Ombudsman' u fejn jindika li dan ifisser 'li l-azzjonijiet ulterjuri tal-Kummissjoni fil-proċedimenti ta' ksur għandhom jikkunsidraw l-obbligu tal-awtoritajiet nazzjonali biex ikun żgurat li (i) l-ilmentaturi għandhom aċċess għal proċedura ta' stħarriġ u (ii) jittieħdu passi fil-konfront tal-kunflitt ta' interess evidenti fl-applikazzjoni tad-Direttiva 85/337';
- R. billi, fit-tweġiba tagħha lill-Ombudsman dwar l-ewwel punt, il-Kummissjoni argumentat li kienet qajmet il-kwestjoni tar-rimedju legali mal-awtoritajiet Awstrijaċi iżda kienet aċċettat il-pożizzjoni tagħhom li dan kien joħloq problemi f'dik li hi l-liġi nazzjonali tal-proċedura ġudizzjarja, u rrimarkat li l-awtoritajiet Awstrijaċi kienu ntrabtu li jiżguraw li l-effetti kumulattivi tax-xogħlijiet preċedenti, daww ilvalutati *ex post* biss, kienu se jiġu kkunsidrati għalkollox f'VIA tat-tielet runway ġdida li għaliha jkun possibbli li jsir stħarriġ ġudizzjarju sħiħ;
- S. billi l-argument tal-Kummissjoni rigward it-tieni allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina kien li d-Direttiva dwar il-VIA ma kienet stabbiliet l-ebda dispożizzjoni rigward id-distribuzzjoni tal-kompetenzi fir-rigward tal-proċedura tal-VIA li għandha titwettaq fl-Istati Membri; billi, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarità, huwa kompletament f'idejn l-Istati Membri li, peress li huma responsabbli għall-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni tagħhom stess, jiddeċiedu liema awtorità għandha tkun inkarigata mill-proċeduri skont id-Direttiva dwar il-VIA, u billi huwa prinċipju ġenerali tal-liġi amministrattiva fl-Istati Membri kollha li awtorità li tkun ħadet deċiżjoni illegali li kienet suġġetta għal appell amministrattiv jew deċiżjoni tal-qorti hi responsabbli li ssib rimedju għas-sitwazzjoni;
- T. billi, għaldaqstant, l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ma kisibx suċċess u l-Ombudsman ikkunsidra li l-każ preżenti kien eżempju ta' sitwazzjoni fejn il-Kummissjoni, fir-rigward ta' ksur evidenti tal-liġi tal-UE, kienet naqset milli tiegħu azzjoni ta' rimedju xierqa billi

tiżgura li l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali *ex post* tkun twettqet b'mod imparzjali u fejn ma segwietx kif xieraq il-parir tal-Ombudsman rigward l-aċċess għar-rimedju ġuridiku kontra din il-valutazzjoni;

- U. billi għaldaqstant l-Ombudsman kien tal-fehma li kien xieraq li jiġbed l-attenzjoni tal-Parlament rigward din il-kwestjoni;
- V. billi l-Kummissjoni adottat proposta għal rieżami tad-Direttiva dwar il-VIA fis-26 ta' Ottubru 2012; billi l-Kumitat għall-Affarijiet Legali tagħha fassal rapport fuq inizjattiva leġislattiva b'talba għal regolament ġenerali dwar proċedura amministrattiva għall-amministrazzjoni tal-UE stess;

Ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman

1. Jilqa' r-Rapport Speċjali tal-Ombudsman, li jenfasizza l-kwistjonijiet importanti relatati ma' problemi rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-VIA u t-tmexxija tal-proċedimenti ta' ksur;
2. Ifakkar li l-amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku ma jaġixxix skont regola jew prinċipju li jorbtuh,
3. Jinnota li l-allegata amministrazzjoni ħażina tikkonċerna l-mod kif il-Kummissjoni ttrattat il-proċedimenti ta' ksur kontra l-Awstrija, speċjalment in-nuqqas tagħha li tiżgura kemm li l-awtorità li kienet ħarġet il-permessi għax-xogħlijiet mingħajr il-valutazzjoni tal-impatt meħtieġa ma tkunx responsabbli li twettaq il-VIA *ex post* u kemm li l-ilmentatur ikollu aċċess għal rimedju legali kontra din il-valutazzjoni;
4. Jisħaq li dan ir-Rapport Speċjali ma jittrattax il-mistoqsija dwar jekk l-awtoritajiet Awstrijċi aġixxewx ħażin, iżda jindirizza l-mistoqsija dwar jekk il-Kummissjoni naqsitx mill-obbligi tagħha meta investigat u ħadet passi fuq ilment li rċeviet u fit-tweġiba tagħha għat-talbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman mill-ewwel investigazzjoni tiegħu dwar dan il-każ;
5. Jikkondividi t-tħassib tal-Ombudsman dwar l-impatt potenzjalment negattiv tal-kunflitti ta' interess fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u jaqbel li għandhom jinstabu mezzi biex din il-kwestjoni tiġi indirizzata filwaqt li fl-istess ħin jifhem it-tħassib tal-Kummissjoni li kienent tmur lil hinn mill-kompetenzi tagħha li kieku kellha titlob lill-awtoritajiet Awstrijaċi jaħtru entità oħra biex tkun responsabbli għall-valutazzjoni *ex post*;
6. Jagħti parir lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri joqogħdu attenti għal kunflitti potenzjali ta' interess li jinsabu diġà fl-istat preżenti tal-liġi u biex jippreparaw għal bidliet eventwali fid-dritt tal-UE f'dan ir-rigward; jenfasizza r-rwol tal-Ombudsmen nazzjonali bħala medjaturi importanti biex jgħinu liċ-ċittadini jieħdu azzjoni kontra kunflitti potenzjali ta' interess u każijiet ta' amministrazzjoni ħażina b'mod ġenerali fi ħdan l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri;
7. Iqis, fir-rigward tat-tieni allegazzjoni tal-Ombudsman, li inklużjoni onesta, attiva u komprensiva tal-popolazzjoni lokali fl-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-VIA hija b'mod ġenerali essenzjali u għalhekk jemmen li għandhom jitwettqu proċeduri ta' medjazzjoni

miftuħa u trasparenti aktar ta' spiss qabel ma jinbdew proġetti li jistgħu jħallu impatt kbir fuq l-ambjent lokali u s-saħħa tal-bniedem; f'dan il-kuntest, jirrikonoxxi l-medjazzjoni pubblika li saret qabel il-VIA fir-rigward tal-bini tat-tielet runway fl-ajruport ta' Vjenna u li qieset ukoll l-impatt kumulattiv, pereżempju l-inkonvenjent tal-ħsejjes, ta' dawk l-estensjonijiet affettwati mill-każ ta' ksur inkwistjoni, li għalih hija disponibbli proċedura sħiħa ta' stħarriġ;

8. Jaqbel mal-Ombudsman li ż-żamma u l-aġġornament ta' rekords ċari jagħmlu parti minn amministrazzjoni tajba peress li jippermettu, pereżempju, lill-Ombudsman Ewropew jivverifika li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jkunu ġew ikkunsidrati kif xieraq;
9. Iqis li huwa wkoll rakkomandabbli, bħala element rilevanti ta' prattika amministrattiva tajba, li tinżamm korrispondenza xierqa, ċara u konsistenti mal-ilmentaturi matul il-proċedimenti ta' ksur u mal-Ombudman waqt l-investigazzjonijiet tiegħu;
10. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li bi ħsiebha ttejjeb il-prattika tagħha fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kwistjonijiet – rekords bil-miktub u korrispondenza dettaljata – sabiex tevita l-problemi ta' komunikazzjoni li ġew esperjenzati f'dan il-każ;
11. Jenfasizza li la l-Kummissjoni u lanqas l-awtoritajiet Awstrijaċi ma kienu qed jiksru xi leġislazzjoni Ewropea eżistenti meta wettqu l-VIA *ex post*, li kienet ibbażata fuq proċedura sui generis innegożjata ad-hoc; jirrimarka, madankollu, li, peress li d-dritt tal-UE ma jipprovdli l-ebda bażi ġuridika għal tali proċedura, dan għandu jiġi kkunsidrat bħala eċċezzjonali u konsegwenza ta' nuqqas preċedenti ta' konformità mad-direttiva, li ma jistax jiġi rrimedjat;
12. Jikkunsidra li, fin-negożjati tagħha mal-awtoritajiet Awstrijaċi, il-Kummissjoni setgħet għamlet sforzi akbar fir-rigward tad-disponibbiltà tal-istħarriġ ġudizzjarju, filwaqt li tiġi meqjusa t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti (Artikolu 10a) fil-liġi Awstrijaka fl-2005, kif ukoll fir-rigward tal-kunflitt ta' interess fil-Ministeru Awstrijak responsabbli, fid-dawl tal-prinċipju globali fil-ġurisprudenza tal-UE li mhux it-test tal-liġi biss għandu tiġi mħares iżda li l-iskop u l-ispirtu tal-leġislazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati wkoll;

Il-Każ tal-Ajruport ta' Vjenna, ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-VIA u r-Regolament dwar amministrazzjoni tajba

13. Jikkunsidra li ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ftuħ tal-proċedura ta' ksur tal-Kummissjoni u konsegwentement għall-ilment lill-Ombudsman Ewropew iqajmu mistoqsijiet serji fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 85/337 minn Stat Membru f'dak iż-żmien, f'dan il-każ l-Awstrija; jilqa' l-fatt li r-reviżjoni tal-2009 tal-liġi federali Awstrijaka li timplimenta d-Direttiva dwar il-VIA ikkunsidrat kif xieraq, inter alia, is-sejbiet tal-proċedura ta' ksur inkwistjoni u b'hekk gābet il-leġislazzjoni Awstrijaka konformi mad-dritt tal-UE f'dan ir-rigward;
14. Ifakkar li matul is-snin kien hemm għadd ta' każijiet fejn l-Istati Membri allegatament iippermettew li proġetti jiġu awtorizzati u jitwettqu mingħajr il-VIA meħtieġa li tressqu quddiem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu;
15. Jemmen li, f'każijiet fejn il-proġetti jkollhom probabbiltà kbira li jiksru r-rekwiżiti bażiċi

tad-Direttiva dwar il-VIA, il-pubbliku kkonċernat għandu jkollu strumenti ġuridiċi effettivi disponibbli biex ikun jista' jfittex kjarifika immedjata mingħand l-awtorità tal-VIA responsabbli fir-rigward tal-konformità tal-proġetti mar-regoli tal-UE, sabiex tiġi pprevenuta ħsara ambjentali irriversibbli meta tali proġetti jiġu implimentati;

16. Jinnota wkoll li l-idea ta' VIA *ex post* ma tidhirx fid-Direttiva attwali dwar il-VIA u li dan l-istrument ġie nnegozjat mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi ttrattata sitwazzjoni *de facto*, fejn il-permessi kienu diġà ngħataw u x-xogħlijiet kienu diġà twettqu;
17. Jirrimarka li l-każ tal-Ajruport ta' Vjenna jenfasizza n-nuqqasijiet fid-Direttiva attwali dwar il-VIA, bħal pereżempju kif għandhom jiġu ttrattati proġetti li huma prattikament irriversibbli peress li jkunu diġà ġew implimentati, bil-possibbiltà li tkun diġà saret ħsara ambjentali, u l-problema ta' kunflitti ta' interess fi ħdan l-awtoritajiet responsabbli, kif allegat fil-każ preżenti;
18. Jirreferi għar-Rapport Annwali 2011 tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu, li enfażizza l-bżonn li tiġi żgurata oġġettività u imparzjalità fir-rigward tal-VIA; ifakkar li l-Kummissjoni kienet mitluba tiżgura li d-Direttiva dwar il-VIA tiġi 'msaħħa billi jkunu provduti parametri aktar ċari fir-rigward tal-indipendenza tal-istudji peritali, il-limiti komuni tal-UE, perjodu massimu għall-proċess, inklużja konsultazzjoni pubblika effettiva, ir-rekwiżiti li d-deċiżjonijiet ikunu ġustifikati, il-valutazzjoni mandatorja ta' alternattivi raġonevoli u mekkaniżmu għall-kontroll tal-kwalità';
19. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal revizzjoni tad-Direttiva tal-VIA bil-għan li din tiġi msaħħa; jesprimi l-impenn tiegħu li jagħmel sforz biex jinvolvi ruħu bis-šhiħ mal-Kummissjoni u l-Kunsill fil-proċedura sabiex jiġi żgurat li din id-direttiva importanti sservi l-iskopijiet tagħha b'mod dejjem aktar effiċjenti u oġġettiv¹;
20. Jinnota li d-direttiva attwali ma fihiex rekwiżiti marbuta mal-oġġettività u l-imparzjalità tal-awtoritajiet responsabbli mill-awtorizzazzjoni u ma tistabilixxix rekwiżiti ta' dan it-tip għall-korpi li jwettqu l-VIA; jinnota li ma fiha l-ebda dispożizzjoni la dwar kif wieħed għandu jipproċedi meta proġett ikun diġà ġie implimentat jew ikun kważi tlesta u lanqas dwar kif il-pubbliku kkonċernat jista', permezz ta' proċedura ċara u mhux burokratika, jottjeni kjarifika immedjata mill-awtorità tal-VIA responabbli dwar il-konformità mar-regoli tal-UE ta' tali proġetti, li għandhom probabbiltà kbira li jiksru d-dispożizzjonijiet bażiċi tad-Direttiva dwar il-VIA; iqis għalhekk li r-rieżami tad-Direttiva dwar il-VIA joffri opportunità tajba biex jiġu introdotti tali rekwiżiti u dispożizzjonijiet;
21. Iqis li dan il-każ juri wkoll li, minbarra l-miżuri għat-tiħi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-VIA, hemm bżonn ta' proċeduri aktar ċari għall-proċedimenti ta' ksur, preferibbilment permezz tal-adozzjoni ta' regolament ġenerali dwar proċeduri amministrattivi għall-amministrazzjoni tal-UE, biex b'hekk tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-ilmentatur; iqis li tali regolament ikun mezz xieraq biex jiġu ċċarati l-obbligi tal-awtoritajiet meta jkunu qed jikkomunikaw mal-ilmentaturi f'każ ta' ksur jew ma' korpi li jirrappreżentaw ċittadini Ewropej, bħalma huma l-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Ombudsman, pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' obbligu li jwieġbu malajr kemm jista' jkun għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jiġu evitati

¹ COM(2012) 0628.

interpretazzjonijiet żbaljati, bħal dawk li seħħew f'dan il-każ;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen kif ukoll lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

L-infrastruttura fl-ajruport ta' Vjenna ilha mill-1999 għaddejja minn titjib u estensjoni permezz ta' sensiela ta' proġetti tal-bini li ġew awtorizzati mill-Ministeru Federali Awstrijak tat-Trasport, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (BMVIT). Meta l-ilmentaturi ressqu għall-ewwel darba lment lill-Kummissjoni fl-2006¹ l-Kummissjoni kkonkludiet li kellha titwettaq VIA skont id-Direttiva 85/337/KEE (id- 'Direttiva dwar il-VIA').

Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-opinjoni li peress li l-kunsens għall-iżvilupp kien ingħata u l-proġetti kienu diġà tlestew jew kienu kważi tlestew l-għan tad-Direttiva dwar il-VIA ma setax jintlaħaq. Fin-negozjati mal-awtoritajiet Awstrijaċi l-Kummissjoni qablet li ma ssegwix il-proċedura tagħha ta' ksur, bil-kundizzjoni li l-Awstrija twettaq VIA *ex post* li tkun simulazzjoni bl-aħjar mod possibbli ta' VIA *ex ante* u li tkun tippermetti valutazzjoni sħiħa tal-impatt ambjentali tal-proġetti.

L-ilmentaturi kkritikaw il-mod kif il-Kummissjoni kienet qed tittratta l-każ u ressqu lment lill-Ombudsman Ewropew. L-Ombudsman għalaq l-inkjesta tiegħu fit-2 ta' Diċembru 2009 bil-konklużjonijiet li ġejjin:

- Il-BMVIT li kellha twettaq il-VIA *ex post* kienet l-istess awtorità li kienet tat il-permessi għall-proġetti. Peress li din kienet ukoll l-awtorità li fil-bidu kienet naqset li tiżgura li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/337/KEE ġew irrISPettati, dan ifisser li l-involviment tal-BMVIT wassal għal kunflitt ta' interess.
- Il-Kummissjoni kienet iddikjarat li l-VIA *ex post* kienet se titwettaq skont l-Artikoli 5 sa 10 tad-Direttiva dwar il-VIA. L-ilmentaturi jqisu li l-Artikolu 10a għandu japplika wkoll. L-Artikolu 10a jistabbilixxi li l-membri tal-pubbliku għandu "*jkollhom aċċess għal rivista*] [...] *għalbiex jisfida l-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku*". Il-Kummissjoni ma talbitx assigurarazzjonijiet speċifiċi mill-Awstrija fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 10a. L-Ombudsman sabha diffiċli biex jifhem għaliex il-Kummissjoni ma kenitx talbet assigurarazzjoni speċifika.

L-Ombudsman qies li ma kienx f'pożizzjoni li jikkonkludi li l-Kummissjoni kienet żgurat li l-VIA *ex post* twettqet kif xieraq u, b'konsegwenza ta' dan, li l-proċedura tagħha ta' ksur kienet twettqet kif xieraq. Huwa nnota li l-Kummissjoni kienet indikat li ma kenitx se tagħlaq il-proċedura ta' ksur qabel ma tkun sodisfatta li l-impatti ambjentali possibbli jkunu ġew ivvalutati kif xieraq u li l-awtoritajiet Awstrijaki jkunu taw ir-rapport ta' segwitu meħtieġ għar-riżultati tal-VIA. F'dan il-punt huwa qies li ma kienx hemm raġunijiet biex isiru inkjesti ulterjuri dwar il-kwestjoni u f'Diċembru 2009 ddeċieda li jagħlaq l-inkjesta tiegħu billi stipula li kien jemmen li l-Kummissjoni kienet se tqis kif xieraq ir-riżultati tiegħu.

Fit-30 ta' Novembru 2010 l-ilmentaturi reġgħu kkonsultaw lill-Ombudsman, li fetax inkjesta oħra² rigward i) l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli twettaq kif xieraq il-proċedimenti

¹ Ilment 1532/2008/(WP)GG.

² Ilment 2591/2010/GG.

tagħha ta' ksur kontra l-Awstrija, b'mod partikolari billi naqset li tiżgura li l-VIA kienet twettqet kif xieraq, u ii) l-allegazzjoni li l-Kummissjoni għandha tiżgura li VIA *ex post* xierqa titwettaq, inkluż mekkaniżmu ta' monitoraġġ li fih l-ilmentaturi jkollhom id-dritt li jkunu involuti jew, jekk dan ma jkunx possibbli, li jressqu l-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-valutazzjoni tal-Ombudsman li wasslet għal abbozz ta' rakkomandazzjoni

Id-deċiżjoni tal-Ombudsman li jagħlaq l-inkjesta tal-ewwel ilment f'Diċembru 2009 kienet ibbażata fuq l-impenn tal-Kummissjoni li ma tagħlaqx il-proċedura tagħha ta' ksur qabel ma tkun sodisfatta li l-impatti ambjentali tax-xogħlijiet tal-estensjoni tal-ajruport jkunu ġew ivvalutati kif xieraq u li l-Awstrija tkun ħadet il-passi meħtieġa biex timplimenta l-miżuri meħtieġa. F'dak il-perjodu l-VIA *ex post* kienet għadha għaddejja. L-Ombudsman għalhekk ikkunsidra li kien ikun faċli għall-Kummissjoni li tintervjeni mal-awtoritajiet Awstrijaċi biex jindirizzaw il-kwestjonijiet imsemmija fid-deċiżjoni tiegħu ta' għeluq. Madankollu, l-ispezzjoni tal-fajl uriet li l-Kummissjoni ma kenitx ħadet tali azzjoni iżda li kienet stenniet ir-rapport finali mill-awtoritajiet Awstrijaċi.

L-Ombudsman kien enfasizza li huwa qies li l-argument tal-ilmentaturi li r-rwol tal-BMVIT qajjem kunflitt ta' interess evidenti deher li kellu bażi soda. Huwa kien saħaq fuq l-importanza tal-Artikolu 10a u kien enfasizza li żgur li ma kienx hemm ċertezza dwar jekk iċ-ċittadini kinux se jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-proċedura ta' sħarriġ għall-VIA *ex post* skont il-liġi Awstrijaka.

L-Ombudsman qies li kien ikun xieraq li l-Kummissjoni tivvaluta l-kwestjonijiet li kien qajjem fid-deċiżjoni tiegħu dwar l-ewwel ilment u stagħġeb kif dan ma kenitx għamlitu. Huwa żied jgħid li d-dubji tiegħu dwar id-disponibbiltà ta' sħarriġ skont l-Artikolu 10a kienu ġew imsaħħa bit-tweġiba tal-Ministru Awstrijak u tal-Qorti tal-Awdituri Awstrijaka.

Fid-dawl ta' dan l-Ombudsman ikkunsidra li l-allegazzjoni tal-ilmentaturi li l-Kummissjoni naqset li twettaq il-proċedimenti tagħha ta' ksur kontra l-Awstrija kellha bażi soda. L-Ombudsman għalhekk ressaq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni li ġej lill-Kummissjoni:

Il-Kummissjoni għandha tikkoreġi l-approċċ tagħha fir-rigward ta' kif tittratta l-ilment ta' ksur tal-ilmentaturi dwar l-Ajruport ta' Vjenna, tindirizza n-nuqqasijiet enfasizzati mill-Ombudsman fid-deċiżjoni tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2009 dwar l-ilment 1532/2008 u tikkonkludi l-valutazzjoni tagħha malajr kemm jista' jkun.

Il-valutazzjoni tal-Ombudsman wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni

L-Ombudsman, filwaqt li jevalwa l-argumenti tal-partijiet li waslulu wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni, ifakkar li huwa diġà kien indika li minħabba dawn iċ-ċirkustanzi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li titlob lill-Awstrija twettaq VIA *ex post* kienet kemm xierqa kif ukoll responsabbli fil-prinċipju. Għalhekk il-mistoqsija li għandha tiġi eżaminata hija jekk il-Kummissjoni żgruratx li din il-VIA *ex post* twettqet kif xieraq.

F'dan il-kuntest id-dubji tal-Ombudsman jiffukaw fuq żewġ kwestjonijiet ewlenin:

1. l-applikabbiltà tal-Artikolu 10a tad-Direttiva dwar il-VIA;

2. il-kunflitt ta' interess tal-awtorità li twettaq l-VIA *ex post*.

Il-Kummissjoni tiddikkjara li l-Artikolu 10a ma kienx ikun applikabbli li kieku x-xogħlijiet kienu ġew suġġetti għal VIA *ex ante*, peress li l-Artikolu ġie introdott mid-Direttiva 2003/35/KE biex jiġi implimentat sal-25 ta' Ġunju 2005. L-Ombudsman iqis li dan l-argument huwa plawsibbli iżda mhux konvint li l-Artikolu ma għandux ikun applikabbli għall-VIA *ex post* lanqas, peress li l-għan tal-VIA *ex post* kien li jkun simulazzjoni bl-aħjar mod possibbli ta' VIA *ex ante*. Barra minn hekk, l-Artikolu jikkonċerna r-rimedji disponibbli għaċ-ċittadini.

L-Ombudsman ma jara l-ebda raġuni konvinċenti għaliex l-Artikolu ma għandux ikun applikabbli għall-VIA *ex post*. L-awtoritajiet Awstrijaċi naqsu milli jwettqu VIA u, peress li l-liġi evolviet minn dakinhar 'l hawn, ikun xieraq li dawn il-bidliet jiġu kkunsidrati, fl-interess taċ-ċittadini kkonċernati.

L-Ombudsman jinnota li l-Kummissjoni ddikjarat li "*tibqa' konvinta*" li l-Artikolu 10a ma kienx applikabbli. Fl-inkjesta tiegħu tal-ewwel ilment l-Ombudsman kien staqsa b'mod speċifiku lill-Kummissjoni għall-opinjoni tagħha dwar din il-kwistjoni u fit-tweġiba tagħha l-Kummissjoni ddikjarat li temmen "*li dawk il-kwistjonijiet koperti mill- 'VIA ex post' jistgħu jkunu soġġetti għal skrutinju legali kif imsemmi skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva*". Meta l-Ombudsman staqsa lill-Kummissjoni għal aktar spjegazzjonijiet dwar din il-kwistjoni, hi żiedet tgħid li l-Artikolu 10a "*jista' jkollu jiġi interpretat, anka fil-qafas ta' VIA ex post, bħala li jagħti aċċess għall-ġustizzja b'relazzjoni mad-deċiżjoni amministrattiva rigward aktar azzjoni potenzjali bħala konsegwenza tar-riżultati tal-VIA ex post.*"

Fl-opinjoni tal-Ombudsman, tqab bil tas-sottomisjonijiet tal-Kummissjoni jissuġġerixxi li l-Kummissjoni jew ma qisix neċessarju li teżamina fid-dettall jekk l-Artikolu 10a kienx applikabbli jew le għall-VIA *ex post*, jew għamlet dikjarazzjonijiet li jwasslu lill-ilmentaturi u lill-Ombudsman biex jemmnu li l-Artikolu kien applikabbli alavolja l-Kummissjoni ħasbet li ma kienx. L-Ombudsman iqis li kull waħda minn dawn l-interpretazzjonijiet possibbli tenfasizza nuqqas serju ta' konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-fatt li r-rimedji previsti fl-Artikolu 10a ma kinux disponibbli għall-VIA *ex post* jista' jiġi rimedjat mill-VIA li għadha għaddejja għat-tielet runway il-ġdida.

Rigward il-kunflitt ta' interess l-Ombudsman itenni li awtorità li, fin-nuqqas tal-VIA meħtieġa, tat permessi biex jitwettqu x-xogħlijiet, issib lilha nnifisha f'kunflitt ta' interess meta mitluba twettaq VIA *ex post*.

Il-Kummissjoni argumentat li l-Ministeru kien qed jaġixxi abbażi tal-prinċipju ta' legalità u tal-istat tad-dritt. L-Ombudsman iħoss li l-argument tal-Kummissjoni mhux konvinċenti u l-konklużjoni tiegħu hija li l-Kummissjoni naqset b'mod ċar li tindirizza kif xieraq l-argument tal-ilmentaturi li l-Ministeru sab lilu nnifsu f'kunflitt ta' interess evidenti.

L-Ombudsman għalhekk ressaq ir-rakkomandazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:
Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra mill-ġdid l-approċċ tagħha rigward kif tittratta l-ilment ta' ksur tal-ilmentaturi dwar l-Ajruport ta' Vjenna u tindirizza n-nuqqasijiet enfasizzati mill-Ombudsman. Dan ifisser li aktar azzjonijiet mill-Kummissjoni fil-proċedimenti ta' ksur

għandhom iqisu l-obbligu tal-awtoritajiet nazzjonali li jiżguraw li (i) l-ilmentaturi jkollhom aċċess għal proċedura ta' sħarriġ u (ii) jittieħdu passi biex jiġi trattat kunflitt ta' interess evidenti fl-applikazzjoni tad-Direttiva 85/337/KEE.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.1.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Elena Băsescu, Heinz K. Becker, Victor Boştinaru, Giles Chichester, Nikolaos Chountis, Carlos José Iturgaiz Angulo, Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska, Miguel Angel Martínez Martínez, Ana Miranda, Chrysoula Paliadelis, Angelika Werthmann, Tatjana Ždanoka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zoltán Bagó, Birgit Collin-Langen, Jaroslav Paška, Axel Voss
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Kozłowski